**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 668/2021**

**ROCKCUT LIMITED**

**VS.**

**AĠENZIJA SUPPORT; KIF UKOLL ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUNTRATTI) U L-MINISTRU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors maħluf imressaq fit-8 ta' Lulju, 2021, li wasal għand din il-qorti fil-15 ta' Lulju, 2021;

2. Tqis, li meta l-Imħallef Christian Falzon Scerri, li qed ipoġġi f'din il-qorti, kien għadu jaħdem bħala avukat fl-uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, huwa kien ġie kkonsultat dwar it-tilwima li Rockcut Limited issa qiegħda tqajjem f'din il-kawża;

3. L-istess Imħallef Christian Falzon Scerri kien anke ta l-parir u esprima l-fehma tiegħu dwar uħud mill-ilmenti li issa tressqu minn Rockcut Limited f'din il-kawża;

4. Dan ifisser għalhekk li jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex l-Imħallef Falzon Scerri jastjeni u ma jibqax joqgħod f'din il-kawża;

5. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-deċiżjoni, ***Agnes u Carmel k/a Charles Mattocks v. K.N.K.***, mogħtija fit-23 ta' Ottubru, 2009,

> *«l-obbligu tal-astensjoni minn ġudikant għandu jkollu rabta mal-ipotesijiet varji prevvisti mill-**artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Kollettivament, dawn l-ipotesijiet għandhom bħala fattur komuni dak ta' l-interess proprju u dirett fil-kawża mill-ġudikant, b'mod tali li hu jitqiegħed fil-veste ta' parti fil-proċess. **Jikkonsegwi illi jekk ġudikant ma josservax il-preċett tal-imsemmi artikolu dan iġib vjolazzjoni tal-prinċipju nemo judex in causa sua**»;*

Għaldaqstant għal din ir-raġuni, l-Imħallef Christian Falzon Scerri qiegħed jastjeni milli joqgħod f'din il-kawża u għall-għanijiet tal-**artikolu 738(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** qiegħed jiddigrieta li hemm lok għas-surroga ta' imħallef ieħor;

L-atti ta' din il-kawża għandhom jiġu mgħoddija lura lir-reġistratur tal-qorti biex b'hekk tkun tista' tissokta din is-surroga;

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Lulju, 2021.**

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**